*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

*KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ*

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 18– 17 ta' Ġunju 2025**

***Minuti tat-tmintax-il laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar is-17 ta' Ġunju 2025 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-6:30pm ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 18. Il-laqgħa bdiet fis-6:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija** **Ħadd**

**Assenti :** **Ħadd**

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

**Pubbliku:** Paul Bugeja

18.1 Audited Financial Statements 2024

Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm l-accountant tal-Kunsill Paul Bugeja li ta spjegazzjoni tal-aġġustamenti li għamlu l-awdituri li permezz tagħhom kien hemm żieda minima ta' profit għas-sena 2024. Il-Kunsillier Mario Attard ppropona li dawn l-aġġustamenti jkunu mgħoddija. Huwa kien sekondat mill-Viċi-Sindku Joseph Agius. Il-vot kien wieħed unanimu favur dawn l-aġġustamenti.

Komunikazzjoni

- Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li ħa jmexxi bil-pjanijiet li ġew deċiżi dwar il-Monti
- Ġie deċiż ukoll li l-flooring ta' Ġnien it-Tfulija jinbidel kollu liema flooring ġie maqsum f'żewġ partijiet A u B. Ghal parti A ġie magħżul Urban Play u għal parti B ġie magħżul RMS minħabba li dawn kienu l-orħos mit-3 offerti.
- Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li tkellem ma' xi diretturi ta JMV Solutions fejn dawn qalu li jixtiequ donazzjoni lill-Kunsill. Minflok is-Sindku ppropona li is-soft area fi Triq Prinċep Bażiliku tingħata dehra ġdida b'bandli adattati.
- Kien hemm diskussjoni ukoll dwar dawk li għamlu xi ħsarat fit-tyres fi Triq tal-Gianpula u fi Triq tar-Remel. Meta ittieħed vot il-Kunsillier Dr.Mazzola iddikjara li huwa kontra. Is-Sindku Steve Zammit Lupi ppropona li dawk li għamlu xi ħsarat fit-tyres fi Triq tal-Gianpula u fi Triq tar-Remel jingħataw kumpens skont l-irċevuti ppreżentati. Il-bqija tal-Kunsilliera vvuttaw favur.
- Dwar Vjal Kulħadd, is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li l-persentaġġ li qed jitolbu l-periti issa nieżel għar-rata tas-suq, liema proposta għadha quddiem IM.

18.2 Tender Street Sweeping u Tender Garaxx

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qara r-rapport mis-sistema tal-epps dwar itender tal-garaxx. Kien hemm bidder wieħed, Charlene Agius, li kellha l-prezz fil-budget u allura s-Sindku Steve Zammit Lupi ppropona li jinkera dan il-garaxx. Huwa kien sekondat mill-Viċi-Sindku Joseph Agius. Ittieħed vot li kien unanimu.

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qara r-rapport mis-sistema tal-epps dwar it-tender tal-knis. L-irħas wieħed li kien konformi huwa ta' Chris Bezzina li kien jammonta għal Eur84,678 ex VAT. Il-Kunsillier Mario Attard ippropona li t-tender jingħata lil Chris Bezzina. Huwa kien sekondat mis-Sindku Steve Zammit Lupi. Il-vot kien wieħed unanimu.

18.3 Permessi Vjal il-Ħelsien

Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat lill-Kunsill kif tintalab garanzija ta' Eur1,000 li dawk li jkunu ha jwaqqgħu dar fi Vjal il-Ħelsien meta kienet għadha kif saret it-triq u meta kienet għadha mhiex imwaqqfa il-BCA. Minħabba li llum qed tintalab garanzija mingħand il-BCA, m'għadhiex tinħass il-ħtieġa li dan isir. Kien hemm qbil unanimu li din il-garanzija ma tibqax tintalab.

18.4 Tad-Dawl Traffic Management

Is-Sindku Steve Zammit Lupi gab ghall-attenzjoni li punt li kien hemm fuq l-agenda ta' qabel dwar Traffic Management fiz-zona tad-Dawl. Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li ilha 15-il sena mill-anqas sabiex tittieħed azzjoni dwar l-immaniġjar tat-traffiku fiz-zona tad-Dawl. Waqt id-diskussjoni fi stadju ta' Kumitat kien hemm anke r-rapprezentanza ta r-residenti taz-zona. Kien hemm spjegazzjoni ddettaljata mill-Perit Malcolm Cachia dwar il-pjan li ser ikun ippreżentat lil Transport Malta dwar is-sistema holistika tat-traffic management.

Fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondata mill-Kunsillier Ayrton Mizzi. ġie propost li din is-sistema tkun preżentata quddiem TM. Id-deċiżjoni kienet waħda unanima.

18.5 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata sine die. Din il-laqgħa spiċċat fid-8:55pm.

| | |
|---|---|
| **Steve Zammit Lupi** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |